

Brussell, 14 ta' April 2026
(OR. en)

8212/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0241 (COD)**

**AGRI 272
AGRIFIN 83
FIN 534
CADREFIN 155
CODEC 670
ENV 353
FORETS 57**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Il-Politika Agrikola Komuni wara l-2027 – Għażliet ewlenin ta' tfassil għall-appoġġ għall-introjtu - Dibattitu ta' orjentazzjoni

Skont il-proposta tal-Kummissjoni għall-Politika Agrikola Komuni wara l-2027, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-appoġġ għall-introjtu jkun primarjament dirett lejn bdiewa bl-agrikoltura bħala l-attività ewlenija tagħhom u li għalhekk jikkontribwixxu b'mod attiv għas-sigurtà tal-ikel. Għal dan l-għan, u b'mod partikolari biex tinżamm il-kapaċità li jiġi prodott l-ikel madwar l-Unjoni, l-appoġġ ikollu jiġi mmirat lejn gruppi speċifiċi ta' bdiewa u żoni ġeografiċi li jeħtieġu appoġġ addizzjonali għall-introjtu biex jibqgħu vijabbli u validi għall-futur, filwaqt li tissaħħaħ ukoll il-kapaċità tagħhom li jadattaw u jibqgħu kompetittivi fil-futur.

Fil-Kunsill Agrikoltura u Sajd ta' Novembru 2025, il-Ministri ddiskutew ir-rwol tal-appoġġ għall-introjtu fit-tiżni tas-sigurtà tal-ikel, inkluż permezz ta' mmirar aħjar tal-appoġġ. Deher li kien hemm rikonoxximent wiesa' li l-appoġġ għall-introjtu għandu jkun dirett lejn il-bdiewa involuti f'attività agrikola, li jikkontribwixxu għar-reżiljenza tas-settur agrikolu u s-sigurtà tal-ikel, filwaqt li titqies id-diversità tal-istrutturi agrikoli madwar l-Unjoni.

Filwaqt li tibni fuq dan l-iskambju, u b'kont meħud tal-progress tad-diskussjonijiet dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar il-PAK wara l-2027, il-Presidenza Ċiprijotta tistieden lill-Istati Membri jiffukaw fuq l-għażliet ewlenin tat-tfassil għall-appoġġ għall-introjtu f'dik il-proposta.

Il-proposta tal-Kummissjoni tintroduċi appoġġ digressiv għall-introjtu bbażat fuq iż-żona (DABIS), li ttiprovdi pagamenti bbażati fuq ettari eliġibbli, fil-biċċa l-kbira ssimplifikati (tmien l-intitolamenti), filwaqt li tintroduċi d-digressività biex jitnaqqas progressivament l-appoġġ għal azjendi agrikoli akbar u tiġi promossa distribuzzjoni aktar ibbilanċjata. Barra minn hekk, il-pagamenti ser ikunu limitati għal EUR 100 000 għal kull azjenda agrikola fis-sena. Ser tkun differenzjata wkoll abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, marbuta mal-introjtu tal-bdiewa. Tippetedi wkoll li l-appoġġ jiġi mmirat lejn gruppi speċifiċi ta' bdiewa, bħall-bdiewa żgħażaġh u nisa, l-esklużjoni possibbli mid-DABIS tal-bdiewa li jilhq u l-età tal-irtirar wara fażi tranżitorja (sal-2032), kif ukoll l-introduzzjoni ta' livelli minimi u massimi ta' appoġġ medju għal kull ettaru. Il-ministri huma mistiedna jieħdu nota li diversi elementi ta' dan il-qafas propost għadhom, f'dan l-istadju, qed jiġu kkunsidrati fil-kuntest tal-Kaxxa ta' Negożjar tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2028-2034. F'dan ir-rigward, l-iskambju ta' fehmiet fil-Kunsill Agrikoltura u Sajd huwa maħsub biex jipprovdi gwida u jikkontribwixxi għall-proċess li għaddej, mingħajr ma jfittex li jasal għal konklużjonijiet u lanqas ma jippreġudika d-diskussjonijiet dwar il-QFP.

Meħuda flimkien, dawn l-elementi jirrappreżentaw evoluzzjoni fit-tfassil tal-appoġġ għall-introjt. Għandhom l-għan li jtejbu l-immirar u d-distribuzzjoni tal-appoġġ (fil-perjodu ta' programmazzjoni attwali, l-akbar 5 % tal-benefiċjarji tal-PAK jirċievu kważi 50 % tal-pagamenti diretti), filwaqt li jikkontribwixxu għal objettivi usa' bħas-sigurtà tal-ikel, jappoġġaw it-tiġdid ġenerazzjonali, u jiżguraw żvilupp aktar ibbilanċjat tas-settur agrikolu madwar l-Unjoni. Jiffaċilitaw ukoll ir-risultazzjoni lejn miżuri agroambjentali u klimatiċi, żoni b'restrizzjonijiet, setturi jew investimenti speċifiċi u kompetittività.

Fl-istess ħin, dawn l-elementi jqajmu mistoqsijiet importanti dwar l-impatt ikkombinat tagħhom.

B'mod partikolari, jistgħu jaffettwaw:

- id-distribuzzjoni tal-appoġġ bejn l-azjendi agrikoli ta' daqsijiet u tipi differenti,
- il-vijabbiltà ekonomika u l-kapaċità ta' investiment tal-azjendi agrikoli,
- it-tiġdid ġenerazzjonali u l-aċċess għall-art,
- u l-bilanċ bejn qafas komuni tal-UE u l-flessibbiltà tal-Istati Membri.

Id-diversità tal-istrutturi agrikoli u tal-kundizzjonijiet ekonomiċi madwar l-Unjoni tagħmel dawn l-għażliet partikolarment sensittivi. Filwaqt li approċċi aktar armonizzati, bħal dawk proposti mill-Kummissjoni, jistgħu jikkontribwixxu għal kundizzjonijiet ekwi u distribuzzjoni aktar ġusta tal-appoġġ, dawn jistgħu jillimitaw ukoll il-kapaċità tal-Istati Membri li jfasslu l-appoġġ għall-introjt għall-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom. Min-naħa l-oħra, flessibbiltà akbar tista' tippermetti adattament aħjar għall-kundestazzjonijiet nazzjonali, iżda tista' twassal għal frammentazzjoni u livelli mhux uniformi ta' appoġġ madwar l-Unjoni.

Barra minn hekk, it-tfassil tad-DABIS irid jiżgura li l-appoġġ għall-introjtu jkompli jirfed is-sostenibbiltà ekonomika tal-azjendi agrikoli, inklużi dawk li għandhom rwol ewlieni fiż-żamma tal-kapaċità tal-produzzjoni u fil-kontribut għas-sigurtà tal-ikel. Min-naħa l-oħra, huwa importanti wkoll li d-DABIS jindirizza l-ħtieġa għal distribuzzjoni ġusta tal-appoġġ u jiffaċilita t-tiġdid ġenerazzjonali.

F'dan l-isfond, il-Presidenza tipproponi l-mistoqsijiet li ġejjin:

- 1. Fil-fehma tiegħek, sa liema punt għandu l-immirar tal-appoġġ għall-introjtu jkun iggwidat minn regoli komuni tal-UE biex tiġi żgurata l-ġustizzja madwar l-UE, u fejn għandhom iżommu l-flessibbiltà biex jirriflettu l-ispeċifitàjiet tagħhom l-Istati Membri?*
- 2. X'inhuma l-fehmiet tiegħek dwar il-mekkaniżmi proposti ta' digressività u limitu massimu tal-appoġġ għall-introjtu biex jikkontribwixxu għal distribuzzjoni aktar ġusta tal-appoġġ filwaqt li tiġi ppreservata l-vijabbiltà ekonomika tal-azjendi agrikoli madwar l-UE u jiġi żgurat ir-rwol tagħhom fis-sigurtà tal-ikel?*